MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2007

Numru 133/2004

Il-Pulizija
(Spettur Mario Tonna)

vs

Joseph Mangion

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Joseph Mangion detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 263164M, akkuzat talli nhar l-4 ta’ Frar, 2004 gewwa l-Fgura u fil-jiem ta’ wara xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u dan ai terminu tal-artikolu 334(a) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema huwa insista fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti. Rat l-Artikolu 334 tal-Kap 9 u wara li qieset ic-cirkostanzi kollha u kkonsidrat x’kien jikkonsisti l-oggett in kwistjoni tiddeciedi li tapplika kontra tieghu l-Artikolu 22 tal-Kap 446 inkondizjonatament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------